

32005R2126

23.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 340/33

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2126/2005**tat-22 ta' Diċembru 2005****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 350/93 li jirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, u b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 350/93 tas-17 ta' Frar 1993 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda¹ jistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni fin-Nomenklatura Magħquda ta' par xorts deskritt f'punt 8 tal-Anness għal dak ir-Regolament (ritratt 509).
- (2) Huwa meħtieġ li tkun speċifikata id-deskrizzjoni tal-bwiet tal-ilbies in kwistjoni u li jitranġa t-tieni paragrafu tar-raġunijiet skont din id-deskrizzjoni, sabiex ma jkunx hemm diverġenza fil-klassifikazzjoni. Sa issa, il-fatt li l-bwiet m'għandhomx sistema biex jingħalqu kien biss illustat fir-ritratt 509.
- (3) Barra minn hekk, fir-raġunijiet mogħtija għall-klassifikazzjoni tal-ilbies in kwistjoni saret riferenza għan-Nota 8 tal-Kapitolu 62 tan-Nomenklatura Magħquda mingħajr ma ssemma liema paragrafu tan-Nota ġie applikat, li jista' jwassal għall-klassifikazzjoni diverġenti.
- (4) Biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda, għandu jiġi ċċarat li l-klassifikazzjoni stabbilita fir-Regolament (KEE) Nru 350/93 ma kinitx ibbażata fuq l-ewwel paragrafu tan-Nota 8 u għalhekk ma kinitx iddeterminata mir-raġuni li l-ilbies in kwistjoni għandu qatgħa li jindika biċ-ċar li huwa qalziet iddisinjat għan-nisa.

¹ ĠU L 41, 18.2.1993, p. 7.

- (5) Għandu jsir provvediment li t-tieni paragrafu tan-Nota 8 għall-Kapitolu 62 kien applikat u l-ilbies in kwistjoni kien ikklassifikat fil-kodiċi NM 62046390 għaliex il-qatgħa tal-ilbies in kwistjoni ma tagħtix wisq indikazzjonijiet jekk huwiex intenzjonat għall-irgħiel jew għan-nisa u għalhekk ma jistax jiġi identifikat bħala tal-irgħiel jew bħala tan-nisa.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 350/93 għandu għalhekk jiġi emendat.
- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Punt 8 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 350/93 huwa emendat kif ġej:

1. fil-kolonna 1 (Deskrizzjoni), l-aħħar sentenza qiegħda tiġi sostitwita b'dan li ġej:

'L-ilbies għandu but miftuħ fuq ġewwa fuq kull naħa u qalziet ta' taħt innitjat (65 % poliester, 35 % qoton), meħjuta mal-qadd (bħal fil-każ ta' xorts) (ara ritratt Nru 509) (*).';"

2. fil-kolonna 3 (Raġuni), it-test qed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Il-klassifikazzjoni hija determinata bid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, bin-Nota 8 tal-Kapitolu 62 kif ukoll bit-testijiet tal-kodiċijiet NM ,6204, 620463. 62046390.

Il-klassifikazzjoni bħala ilbies għall-baħar hija eskluża għaliex dan l-ilbies, minħabba l-qatgħa tiegħu, id-dehra ġenerali u l-preżenza ta' bwiet fil-ġenb mingħajr sistema soda biex jingħalqu ma jistax jitqies li huwa maħsub biex jintlibes biss jew l-aktar bħala lbies għall-baħar"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membri tal-Kummissjoni